**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 208/2018 RM**

**Supreme Travel Limited (C-16048)**

**Vs**

**Joseph Mary Portelli**

**Illum, 27 ta' Frar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Settembru 2018 fejn talbet illi l-konvenut Joseph Mary Portelli jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) jew somma ohra verjuri li tigi stabbilita, rapprezentanti rifuzjoni ta' flus imhallsa minnha lill-konvenut in konnessjoni mal-kiri ta' fond kummercjali gewwa Triq it-Turisti, Qawra.

Illi permezz ta' skrittura privata datata 26 ta' Marzu 2016 il-konvenut ikkonceda b'titolu ta' kera lill-kumpanija attrici l-fond kummercjali ossia *booking office* fi Triq il-Turisti, Qawra u dana versu l-kera annwali ta' €14,000 u dana bhala soggett ghall-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fl-istess ftehim.

Illi dan il-ftehim kummercjali ma setax jigi utilizzat ghall-iskopijiet intizi u dana stante li ma kienx kopert mill-permessi necessarji mill-awtoritatjiet kompetenti bil-konsegwenza li l-kumpannija attrici ma setghetx topera l-istess fond ghal skopijiet kummercjali.

Illi l-kumpannija attrici hallset is-somma ta' €14,000 rapprezentanti sena kera ghall-istess fond u dana skond il-ftehim fuq imsemmi izda ma setghetx tuzufruwixxi mill-istess fond ghal ragunijiet interament imputabbli lill-konvenut, kif fuq espost, bil-konsegwenza illi l-konvenut kien inadempjenti mill-obbligu tieghu versu l-kumpannija attrici bir-rizultat illi l-fond imsemmi giet ritornat lill-konvenut.

Illi nonostante dan, il-konvenut baqa' qatt ma rrifonda l-flus imhallsa lilu mill-kumpannija attrici ghalkemm ghamel diversi weghdiet li ser jaghmel dan.

Illi ghalkemm gie debitament interpellat sabiex jirrifondi s-somma ta' €14,000 permezz ta' ittra ufficjali xorta wahda baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat skont kif jirrizulta mir-referta li tinsab a fol. 10 *tergo*, naqas milli jipprezenta risposta ghat-talbiet tas-socjeta` attrici u naqas ukoll milli jidher personalment (jew tramite rapprezentant legali) ghas-smigh tal-kawza biex jikkontesta t-talbiet attrici.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019 l-avukat difensur tas-socjeta` attrici ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat ukoll illi fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2019, il-konvenut wara li gie msejjah diversi drabi, naqas milli jidher biex iwiegeb ghall-kapitoli ghas-subizzjoni tieghu;

Semghet ix-xhieda ta' Nazzareno Abela in rapprezentanza tas-socjeta` attrici fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2019, li kkonferma li l-ammont mitlub f'din il-kawza ghadu dovut sal-lum fl-intier tieghu;

Rat illi waqt l-istess seduta, l-avukat tas-socjeta` attrici ddikjara li m'ghandhiex iktar provi xi tressaq u talab lill-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Rat illi fl-imsemmija udjenza tas-27 ta' Frar 2019 il-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2019, il-konvenut wara li gie msejjah diversi drabi, naqas li jidher ghas-subizzjoni u ghalhekk il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis li l-kapitolu gie debitament mistqarr u accettat mill-istess konvenut.

Illi skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[1], in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li

[1] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et** – deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.

jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni.

Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[2] li din il-prova wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-gudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirrizulta min-nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[3], bin-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitoli, dawn "*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti."*

Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija ghall-hlas tas-somma ta' €14,000 rapprezentanti r-rifuzjoni tal-kera mhallsa mis-socjeta` attrici lill-konvenut ghall-kirja ta' fond kummercjali bhala *booking office*, liema fond ma setax jigi utilizzat mis-socjeta` attrici ghall-iskop li ghalih il-fond gie mikri minhabba li ma kienx kopert bil-permessi biex jigi operat ghal skopijiet kummercjali.

---

[2] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.
[3] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-kaz, in-nuqqas tal-konvenut illi jwiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni tieghu, ghandu jitqies illi pprovoka il-konfessjoni tal-istess konvenut, u billi l-kumpannija attrici ressqet ukoll bhala prova in sostenn tal-pretensjoni taghha, ix-xhieda tar-rapprezentant taghha Nazzareno Abela, jirrizulta illi din il-konfessjoni m'hijiex kontradetta minn ebda prova ohra fl-atti processwali.

Il-Qorti ghalhekk tqis li l-prezunta konfessjoni tal-konvenut naxxenti mill-kontumacja tieghu meta msejjah ghas-subizzjoni, maghdud maghha x-xhieda ta' Nazzareno Abela, hija prova sufficjenti tal-fatt illi l-istess konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma mitluba u ghar-raguni indikata fir-Rikors promotur.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi din il-Qorti ssib illi t-talba tal-attrici giet debitament ippruvata u konsegwentement, timmerita li tigi akkolta.

Ikkunsidrat ulterjorment;

In kwantu ghall-imghax, dan ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ufficjali li saret lill-konvenuta a tenur tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili. Izda, f'dan il-kaz, billi ma giet esebita l-ebda interpellazzjoni ufficjali u lanqas giet esebita l-iskrittura privata tal-kirja kummercjali datata 26 ta' Marzu 2016, il-Qorti tqis illi l-konvenut gie interpellat ufficjalment ghall-ewwel darba ghall-hlas tal-ammont mertu ta' din il-kawza bil-prezentata tar-rikors promotur.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut JOSEPH MARY PORTELLI jhallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) rapprezentanti rifuzjoni ta' sena**

**kera mhallas mill-istess socjeta` attrici lill-konvenut ghall-fond kummercjali fi Triq it-Turisti, Qawra, ghar-ragunijiet indkati fir-Rikors promotur u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-istess Rikors promotur fit-12 ta' Settembru 2018.**

**Bl-ispejjez kollha tal-kawza jkunu a kariku tal-konvenut.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**